



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2012/0074(NLE)

20.12.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem
(COM(2012)0147 – C7-0105/2012 – 2012/0074(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Judith A. Merkies

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tinkorpora r-rekwiżiti għall-monitoraġġ tas-sustanzi radjuattivi f'leġiżlazzjoni speċifika skont it-Trattat Euratom sabiex jinżammu l-uniformità, il-koerenza u l-kompletezza tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni mir-radjuazzjoni fil-livell Komunitarju. Bħala pass sussegwenti, il-Kummissjoni qed tippjana li tħassar dawn ir-rekwiżiti mid-Direttiva 98/83/KE (Id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb).

Ir-Rapporteur jiddispjaċiha li, billi din id-Direttiva taqa' fl-ambitu tat-Trattat Euratom, il-Parlament Ewropew għandu biss rwol limitat fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Għalhekk, titlob lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni xierqa lill-opinjoni tal-Parlament Ewropew meta tistabbilixxi u tirreżamina din id-Direttiva. Hija preokkupata wkoll dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva, billi r-rekwiżiti għas-sustanzi radjuattivi fid-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb għadhom ma ġewx implimentati.

Ir-Rapporteur tal-fehma li din il-proposta tista' tipperikola l-uniformità tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-Ilma u l-Ilma tax-Xorb, li attwalment taqa' fl-ambitu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura l-konformità tal-miżuri ta' din id-Direttiva ma' dawk inklużi fid-Direttiva 98/83/KE u f'leġiżlazzjoni oħra dwar l-Ilma bħad-Direttivi 2000/60/KE u 2006/118/KE u għandha tiżgura l-protezzjoni ta' tipi oħra ta' ilma, bħall-ilma ta' taħt l-art, mill-kontaminazzjoni radjuattiva.

Rigward l-ambitu tad-Direttiva, huwa importanti li jiġi inkluż l-ilma użat fl-industrija tal-ikel. Madankollu, huwa fatt pożittiv li l-Kummissjoni Ewropea inkludiet ir-radon bħala valur parametrik u l-ilma tal-flixxkun bħala sors ta' ilma fil-verżjoni rieżaminata tal-proposta.

Barra minn hekk, huwa importanti li ċ-ċittadini jkunu infurmati dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-komsum. Għalhekk, l-Istati Membri jridu jinkludu informazzjoni dwar sustanzi radjuattivi f'dawn it-tipi ta' ilma kemm fir-rapporti triennali tal-Istati Membri dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif ukoll f'dawk dwar is-sikurezza nukleari.

F'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva, l-Istati Membri jridu jieħdu azzjoni immedjata biex l-ilma jerġa' jsir ta' kwalità u biex jitnaqqas il-periklu potenzjali għas-saħħa pubblika.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jstieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-inġestjoni tal-ilma hija waħda mill-mogħdijiet ta' inkorporazzjoni ta' sustanzi radjuattivi fil-ġisem tal-bniedem. Skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti, il-kontribuzzjoni għall-esponiment tal-popolazzjoni b'mod ġenerali minn Prattiki li jinvolvu riskju minn radjazzjoni jonizzanti għandha tinżamm fl-iktar livell baxx **li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli**.

Emenda 2
Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 3
Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) F'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' parametru li għandu funzjoni ta' indikatur, l-Istat Membru kkonċernat **għandu** jivvaluta jekk dan in-nuqqas ta' konformità huwiex se jimponi riskju għas-saħħa tal-

PE491.256v02-00

Emenda

(1) L-inġestjoni tal-ilma hija waħda mill-mogħdijiet ta' inkorporazzjoni ta' sustanzi radjuattivi fil-ġisem tal-bniedem. Skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti, il-kontribuzzjoni għall-esponiment tal-popolazzjoni b'mod ġenerali, **filwaqt li jittqies l-esponiment kumulattiv fuq żmien fit-tul**, minn Prattiki li jinvolvu riskju minn radjazzjoni jonizzanti għandha tinżamm fl-iktar livell baxx **possibbli**.

Emenda

(3a) Il-valuri parametriċi huma bbażati fuq l-għarfien xjentifiku disponibbli, filwaqt li jittqies il-prinċipju tal-prekawzjoni. Dawk il-valuri nġhażlu biex ikun żgurat li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jista' jiġi kkunsmat bla periklu matul il-ħajja kollha – bir-referenza tkun iċ-ċittadini l-aktar vulnerabbli – u għalhekk jirrappreżentaw livell għoli ta' protezzjoni.

Emenda

(6) F'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' parametru li għandu funzjoni ta' indikatur, l-Istat Membru kkonċernat **irid jinvestiga u jistabbilixxi l-kawża**, jivvaluta jekk dan in-nuqqas ta' konformità huwiex se jimponi

4/16

AD\922600MT.doc

bniedem u, *fejn neċessarju*, jieħu azzjoni ta' rimedju biex il-kwalità tal-ilma tiġi rrestawrata.

riskju għas-saħħa tal-bniedem, *anke fuq perjodu twil ta' żmien*, u jieħu azzjoni ta' rimedju biex il-kwalità tal-ilma tiġi rrestawrata *skont il-kriterji tal-kwalità stabbiliti f'din id-Direttiva mill-aktar fis possibbli. Din l-azzjoni ta' rimedju meħtieġa tista' tinkludi saħansitra l-għeluq tal-faċilità konċernata jekk il-kwalità tal-ilma twassal biex tittieħed azzjoni bħal din. F'każ li tali azzjoni ta' rimedju tkun meħtieġa biex l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jerġa' jsir ta' kwalità, il-prijorità għandha tingħata l-ewwel lil azzjoni li tirrettifika l-problema minn ras il-għajn.*

Emenda 4
Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-konsumaturi għandhom ikunu infurmati b'mod *adegwat* u xieraq dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

Emenda

(7) Il-konsumaturi għandhom ikunu infurmati b'mod *sħiħ* u xieraq *b'manjiera trasparenti u imparzjali* dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem *u għandhom jiġu nnotifikati mill-aktar fis dwar kwalunkwe azzjoni ta' rimedju meħuda mill-awtoritajiet kompetenti biex jirrimedjaw kwalunkwe deterjorament fil-kwalità ta' dak l-ilma. Billi, iktar minn hekk, għandhom jiġu kkunsidrati kemm il-ħtiġijiet tekniċi u statistiċi tal-Kummissjoni, kif ukoll id-drittijiet tal-individwu li jikseb tagħrif xieraq dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.*

Emenda 5
Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Jeħtieġ li f'din id-Direttiva jiġi inkluż

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi programmi ta' monitoraġġ biex jivverifika li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

Emenda

(9) Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi programmi ta' monitoraġġ **robusti** biex jivverifika li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-metodi użati biex tiġi analizzata l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem iridu jkunu tali li jiżguraw li r-riżultati miksuba huma ta' min joqgħod fuqhom u komparabbli.

Emenda

(10) Il-metodi użati biex tiġi analizzata l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem iridu jkunu tali li jiżguraw li r-riżultati miksuba huma ta' min joqgħod fuqhom u komparabbli. ***Tali programmi ta' monitoraġġ għandhom ikunu xierqa għaċ-ċirkustanzi lokali u għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' monitoraġġ stipulati f'din id-Direttiva.***

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Sabiex tkun żgurata l-koerenza tal-politika Ewropea dwar l-ilma, il-valuri parametriċi, il-frekwenzi u l-metodi għall-monitoraġġ ta' sustanzi radjuattivi f'din id-Direttiva jeħtieġ li jkunu konformi mad-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-

12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament¹ u mad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem².

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiżgura li meta jsir rieżami tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma³ u tad-Direttiva 2006/118/KE⁴, għandha ssir referenza għal din id-Direttiva biex it-tipi kollha ta' ilma jiġu protetti bis-sħiħ mill-kontaminazzjoni b'sustanzi radjuattivi.

¹ ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19.

² ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32.

³ ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

⁴ ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19.

Emenda 9
Proposta għal direttiva
Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE.

Emenda

1. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE.

2. Minbarra d-definizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "sustanza radjuattiva" tfisser kwalunkwe sustanza li fiha radjunuklid wieħed jew aktar li l-attività jew il-konċentrazzjoni tagħhom ma tistax tiġi injorata mil-lat tal-protezzjoni mir-radjazzjoni;

(b) "doża indikattiva totali" tfisser id-doża effettiva impenjata għal sena waħda ta' inġestjoni li tirriżulta mir-radjonuklidi kollha li ġiet individwata l-preżenza tagħhom fi provvista tal-ilma, kemm ta' oriġini naturali kif ukoll artifiċjali, bl-esklużjoni tat-tritju, il-potassju-40, ir-radon u l-prodotti tad-diżintegrazzjoni tar-radon li għandhom ħajja qasira;

(c) "valur parametrik" tfisser il-valur li l-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk il-preżenza ogħla minnu ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem hix ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem u, fejn ikun meħtieġ, għandhom jieħdu azzjoni ta' rimedju biex itejbu l-kwalità tal-ilma għal livell li jikkonforma mar-rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem mill-perspettiva ta' protezzjoni mir-radjazzjoni.

Emenda 10
Proposta għal direttiva
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem bl-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/83/KE u stabbiliti skont l-Artikolu 3(2) ta' dik id-Direttiva.

Emenda

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem – ***l-ilma tax-xorb u l-ilma użat fl-industrija tal-ikel*** – bl-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/83/KE u stabbiliti skont l-Artikolu 3(2) ta' dik id-Direttiva.

Emenda 11
Proposta għal direttiva
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(3)a tad-Direttiva 96/29/Euratom, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha

Emenda

I. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(3)a tad-Direttiva 96/29/Euratom, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha

meħtieġa biex jistabbilixxu programm ta' monitoraġġ xieraq biex jiġi żgurat li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ikun konformi mal-valuri parametriċi stabbiliti b'din id-Direttiva.

meħtieġa biex jistabbilixxu programm ta' monitoraġġ xieraq biex jiġi żgurat li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ikun konformi mal-valuri parametriċi stabbiliti b'din id-Direttiva. ***L-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għandu jkun konformi ma' din id-Direttiva jekk:***

(a) ma jkun fih l-ebda sustanza radjuattiva li, fi kwantitajiet jew f'konċentrazzjonijiet konsiderevoli, tikkostitwixxi periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, u

(b) jissodisfa r-rekwiżiti minimi stipulati fl-Anness I u l-Anness III; u jekk, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 9 u skont it-Trattat, l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jikkonforma mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex tiġi implimentata din id-Direttiva fl-ebda ċirkostanza ma jkollhom l-effett li jippermettu, direttament jew indirettament, la xi tnaqqis tal-kwalità preżenti tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fejn għandha x'taqsam il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u lanqas xi żieda fit-tniġġis ta' tipi ta' ilma użat għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb.

Emenda 12
Proposta għal direttiva
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw monitoraġġ regolari tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem skont l-Anness II sabiex jivverifikaw li l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi radjuattivi ma jaqbwux il-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw monitoraġġ regolari tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem skont l-Anness II sabiex jivverifikaw li l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi radjuattivi ma jaqbwux il-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5.
Tali monitoraġġ għandu jqis l-esponiment

fuq perjodu twil ta' żmien tal-popolazzjoni u għandu jitwettaq bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 98/83/KE. Għandu jinkludi analiżijiet ta' referenza maħsuba biex jistabbilixxu l-kontenut radjuattiv tal-ilma u biex jottimizzaw l-istrateġija analitika u l-analiżijiet perjodiċi mwettqa skont il-metodi definiti fl-Anness III.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-laboratorji kollha li janalizzaw il-kampjuni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ikollhom sistema analitika tal-kontroll tal-kwalità. Dawn għandhom jiżguraw li dik is-sistema tkun soġġetta għal verifiki **okkażjonali** minn kontrollur indipendenti approvat mill-awtorità kompetenti għal dak il-għan.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-laboratorji kollha li janalizzaw il-kampjuni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ikollhom sistema analitika tal-kontroll tal-kwalità. Dawn għandhom jiżguraw li dik is-sistema tkun soġġetta għal verifiki **perjodiċi** minn kontrollur indipendenti approvat mill-awtorità kompetenti għal dak il-għan.

Emenda 14

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-finanzjament tal-kontrolli jitwettaq skont il-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali¹. F'każ ta' tniġġis li jkun ġej minn attivitajiet tal-bniedem, l-ispejjeż jitħallsu minn min iniġġes.

Ġustifikazzjoni

B'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

Emenda 15
Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta jseħħ nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi stabbiliti *skont l-Artikolu 5*, l-Istat Membru għandu jivvaluta *l-possibbiltà* li n-nuqqas ikun ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem. F'każ li jkun hemm riskju bħal dan, l-Istat Membru għandu *jieħu azzjoni* ta' rimedju biex il-kwalità tal-ilma tiġi rrestawrata.

Emenda

2. Meta jseħħ nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi stabbiliti, *għar-radon u għad-Doża Indikattiva Totali (TID) mis-sorsi naturali*, l-Istat Membru għandu jivvaluta *minnufih il-possibbiltà* li n-nuqqas ikun ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem. F'każ li jkun hemm riskju bħal dan, l-Istat Membru *konċernat* għandu *jiżgura li l-azzjoni* ta' rimedju *meħtieġa tittieħed mill-aktar fis possibbli* biex il-kwalità tal-ilma tiġi rrestawrata *filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali. Għandha tingħata prijorità lill-azzjoni ta' infurzar tagħhom u lil soluzzjonijiet li jiffukaw fuq l-indirizzar tat-tniġġis minn ras il-għajn, filwaqt li jitqiesu, inter alia, b'kemm inqabeż il-valur parametrik relevanti u l-periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem. Din l-azzjoni ta' rimedju meħtieġa tista' tinkludi saħansitra l-għeluq tal-faċilità konċernata jekk il-kwalità tal-ilma twassal biex tittieħed azzjoni bħal din. L-Istat Membru għandu jieħu wkoll miżuri tat-tip "min iniġġes iħallas".*

F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi ddefiniti għat-tritju u t-TID li joriġinaw minn attivitajiet tal-bniedem, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinjeda minnufih investigazzjoni biex jiġi identifikat is-sors tat-tniġġis u n-natura, l-iskala u l-impatt

dożimetriku tiegħu. Dik l-investigazzjoni għandha tqis l-ambjenti kollha li jistgħu jiġu affettwati u l-modi kollha ta' esponiment. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li tittieħed l-azzjoni korrettiva meħtieġa sabiex ikun żgurat li l-ilma jerġa' jkun konformi mal-valuri parametriċi.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li jkun projbit jew ristrett l-użu ta' kwalunkwe provvista ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jista' jkun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem jew li tittieħed azzjoni oħra bħal din skont kif meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. F'dawn il-każijiet, il-konsumaturi għandhom jiġu infurmati mill-ewwel dwarhom u għandhom jingħataw il-pariri meħtieġa.

Emenda 16
Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fejn ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem ma jkunx jista' jitqies bħala wieħed trivjali, l-Istat Membru għandu jiżgura li l-konsumaturi jiġu **nnotifikati**.

Emenda

3. **L-Istat Membru għandu jiżgura li r-riżultati tal-analiżijiet ikunu ppubblikati u mqiegħda għad-dispożizzjoni pubblika fl-internet.** Fejn ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem ma jkunx jista' jitqies bħala wieħed trivjali, l-Istat Membru għandu jiżgura li l-konsumaturi jiġu **avżati mill-aktar fis possibbli u li jingħataw provvisti alternattivi ta' ilma mhux kontaminat mingħajr dewmien.**

Emenda 17
Proposta għal direttiva
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9a

Informazzjoni u rappurtar

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li informazzjoni adegwata u aġġornata dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tkun disponibbli għall-konsumaturi u mhux biss meta riskju għas-saħħa tal-bniedem ma jitqiesx bħala trivjali.

2. Kull Stat Membru b'sistemi tal-ilma li jinsabu f'żoni li għandhom sorsi potenzjali ta' kontaminazzjoni radjuattiva – naturali jew ikkaġunata mill-bniedem – għandu jinkludi informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fir-rapport triennali tiegħu dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, kif stipulat fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 98/83/KE.

3. Il-Kummissjoni, fir-rapport tagħha dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, kif stipulat fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 98/83/KE, għandha tinkludi r-riżultati tal-Istati Membri dwar is-sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [sena wara d-data msemmija fl-Artikolu 11 – id-data speċifika għandha tiddaħħal mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [sena wara d-data msemmija fl-Artikolu 11 – id-data speċifika għandha tiddaħħal mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni **u lill-Parlament Ewropew.**

Emenda 19

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni ***t-test*** tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert b'din id-Direttiva.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni ***u lill-Parlament Ewropew it-test*** tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert b'din id-Direttiva.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 10a

Rieżami

Tal-anqas kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tirriżamina l-Annessi fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku, u għandha tressaq proposti għal emendi meta jkun meħtieġ.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Emenda

Din id-Direttiva hija indirizzata ***lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri.***

Emenda 22

**Proposta għal direttiva
Anness II – punt 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Stat Membru mhuwiex meħtieġ li jimmonitorja l-ilma tax-xorb għat-tritju jew ir-radjuattività biex jistabbilixxi doża indikattiva totali meta jkun sodisfatt abbażi ta' monitoraġġ ieħor li l-livelli kemm tat-tritju kif ukoll tad-doża indikattiva totali kkalkulata huma ferm inqas mill-valur parametrik. Il-monitoraġġ tal-ilma tax-xorb għar-radon mhuwiex meħtieġ fejn Stat Membru jkun *issodisfat* abbażi ta' monitoraġġ ieħor li l-livelli tar-radon huma ferm inqas mill-valur parametrik. F'dawk il-każijiet, għandu jikkomunika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni, u jinkludi r-riżultati tal-monitoraġġ l-ieħor imwettaq.

Emenda 23

**Proposta għal direttiva
Anness II – punt 3 – subparagrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn jintużaw riżultati minn programmi ta' sorveljanza jew investigazzjonijiet oħra għajr dawk meħtieġa kif previst fl-ewwel paragrafu ta' dan il-punt biex tiġi żgurata l-konformità ma' din id-Direttiva, l-Istat Membru għandu jikkomunika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni, *inkluż ir-riżultati* rilevanti ta' dawn il-programmi ta' monitoraġġ jew investigazzjonijiet.

Emenda

Stat Membru mhuwiex meħtieġ li jimmonitorja l-ilma tax-xorb għat-tritju jew ir-radjuattività biex jistabbilixxi doża indikattiva totali meta jkun sodisfatt abbażi ta' monitoraġġ ieħor li l-livelli kemm tat-tritju kif ukoll tad-doża indikattiva totali kkalkulata huma ferm inqas mill-valur parametrik. Il-monitoraġġ tal-ilma tax-xorb għar-radon mhuwiex meħtieġ fejn Stat Membru jkun *sodisfatt* abbażi ta' monitoraġġ ieħor li l-livelli tar-radon huma ferm inqas mill-valur parametrik. F'dawk il-każijiet, għandu jikkomunika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni ***u lill-Parlament Ewropew***, u jinkludi r-riżultati tal-monitoraġġ l-ieħor imwettaq.

Emenda

Fejn jintużaw riżultati minn programmi ta' sorveljanza jew investigazzjonijiet oħra għajr dawk meħtieġa kif previst fl-ewwel paragrafu ta' dan il-punt biex tiġi żgurata l-konformità ma' din id-Direttiva, l-Istat Membru għandu jikkomunika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni ***u lill-Parlament Ewropew***, *inklużi r-riżultati* rilevanti ta' dawn il-programmi ta' monitoraġġ jew investigazzjonijiet. ***Dan m'għandux ikun ibbażat biss fuq informazzjoni mill-partijiet interessati.***

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	18.12.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 -: 1 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriele Albertini, Amelia Andersdotter, Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Dimitrios Droutsas, Christian Ehler, Vicky Ford, Adam Gierek, Norbert Glante, András Gyürk, Fiona Hall, Jacky Hénin, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Michèle Rivasi, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Evžen Tošenovský, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	António Fernando Correia de Campos, Andrzej Grzyb, Roger Helmer, Vladimír Remek, Peter Skinner